

# IL-PONT

miġbura minn Patrick SAMMUT

ħarġa Nu. 27 - **DIĊEMBRU 2014**

# editorjal

Il-ktieb minnu nnisfu huwa festa, ċelebrazzjoni. Wara din il-festa hemm sigħat twal ta’ sagrifiċċju, dedikazzjoni, ħsieb, ippjanar u kollaborazzjoni bejn il-kittieb jew ideatur tal-ktieb u għadd kbir ta’ persuni oħrajn li jgħinu sabiex il-prodott finali saflaħħar jara d-dawl fl-aħjar għamla possibbli. Għalhekk minnu nnifsu l-ktieb huwa wieħed mill-isbaħ rigali li jista’ jingħata lil min nixtiqulu l-ġid. Ix-xahar ta’ Diċembru huwa ż-żmien li jinsab bejn żewġ avvenimenti kbar f’rabta mal-ktieb: fuq naħa l-Festival tal-Ktieb fil-Belt Valletta li jkun għadu kemm spiċċa, u fuq l-oħra l-festa tal-Milied li tkun għad trid tasal. Huma żewġ okkażjonijiet ideali li matulhom wieħed jista’ jagħti ktieb jew kotba bħala rigali lil dawk li jħobb, u għaliex le, anki lilu nnifsu.

IL-PONT jifraħ lil dawk kollha - awturi, illustraturi, setters, stampaturi, pubblikaturi, distributuri u l-bqija - li ħadmu biex anki din is-sena jkollna għadd kbir ta’ kotba ġodda li jittrattaw ġeneri letterarji u suġġetti differenti li jistgħu jolqtu l-interess ta’ bosta. IL-PONT jifraħ ukoll lill-organizzaturi wara l-Festival tal-Ktieb 2014 li għal darba oħra serva bħala vetrina miftuħa beraħ li esponiet il-ktieb Malti, fost bosta kotba oħrajn.

Fuq nota oħra, ta’ min ifakkar li IL-PONT jeżisti wkoll biex iberraħ mhux biss it-tajjeb imma anki l-ħażin jew għallinqas dak li jista’ jitjieb fil-qasam letterarju lokali. Jekk ma jkunx hekk ifisser li kollox ikun għaddej perfett, u dan mhux il-każ tassew. L-Editur jemmen li għad hemm bosta xogħlijiet letterarji maqfulin fil-kxaxen jew ippubblikati diġà li qatt ħadd ma indenja ruħu jagħtihom ftit ħin, spazju, jew jurihom id-dawl. Għalhekk IL-PONT jipprova jagħti leħen lil min ftit jingħata minħabba raġunijiet differenti, għalkemm jinkludi wkoll xogħlijiet, reċensjonijiet u poeżiji anki ta' kittieba magħrufa.

Lura għal Diċembru. Dan huwa x-xahar tal-Milied. Bosta jibdew jaħsbu fir-rigali li jistgħu jagħtu lil dawk ta’ madwarhom. Niftakru li mhemmx biss ħwejjeġ, ċikkulatini, fwieħat u elf ħaġa oħra li spiss naqilgħu iktar milli meħtieġ minnhom. Hemm ukoll il-ktieb li jista’ jingħata bħala rigal. U llum is-suq tal-ktieb Malti huwa tant wiesa’ li wieħed jista’ jsib ktieb għall-gost ta’ kulħadd, kbar u żgħar, dilettanti u mhux. Għalhekk, kif se taraw, IL-PONT għal dan ix-xahar qed joffri ħafna iktar materjal mis-soltu. It-tama hija li l-qarrejja ta’ din ir-rivista letterarja virtwali jkomplu dejjem jiżdiedu u fl-istess ħin jitħajru jixtru xi ktieb jew tnejn għall-okkażjoni tal-festi li waslu magħna.

Minn hawn l-Editur jixtieq jawgura L-MILIED IT-TAJJEB U SLIEM U SAĦĦA GĦAS-SENA L-ĠDIDA lill-qarrejja ta’ IL-PONT u lil dawk ta’ madwarhom.

L-istedina tibqa’ miftuħa anki għas-sena 2015. Min jixtieq jikkontribwixxi f’IL-PONT b’materjal ta’ livell, mhux twil u adatt jista’ jibagħtu direttament lill-Editur fl-indirizz **sammutpatrickj@gmail.com**

**KORS FIL-KITBA TAL-ISKRIPT GĦAT-TEATRU**

Il-Kunsill Malti tal-Arti, l-iskola tal-Arti Performattivi fi ħdan l-Università ta' Malta u c-Ċentru għall-Kreattività tal-Kavalier ta' San Ġakbu nidew kors fil-Kitba tal-Iskript għat-Teatru. Il-kors qed jingħata matul tmiem il-ġimgħa (erba' sessjonijiet li jinfirxu fuq tlitt ijiem il-waħda b'għadd ta' sigħat kull jum) minn grupp ta' tuturi internazzjonali li huma Goran Stefanovski, Fraser Grace u Cathy Crabb. Beda f'Novembru u jibqa' għaddej sa April 2015. Il-lezzjonijiet jingħataw bl-Ingliż imma min jattendi ngħata l-għażla li x-xogħol fuq l-iskripts isir bl-Ingliż jew bil-Malti. Dan il-kors qed jiġi kkunsidrat anki bħala parti mill-Programm għall-Arti Liberali u x-Xjenzi (PLAS) u ġie offrut għal min kien interessat għall-prezz ta' 360 ewro.

**KANZUNETTI GĦAT-TFAL BIEX JITKANTAW FIL-KLASSI**

Inħadmu apposta numru ta' kanzunetti biex it-tfal iż-żgħar ikantawhom fil-klassi. Wieħed jista' jsibhom fil-paġna ewlenija tas-sit http://malti.skola.edu.mt/. Ta' min ifaħħar inizjattiva bħal din li ttieħdet mill-Kunsill tal-Malti u mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

***FRESHERS' WEEK* FI-UNIVERSITÀ MILL-GĦAQDA TAL-MALTI UNIVERSITÀ**

Bejn l-1 u t-8 ta' Ottubru l-Għaqda tal-Malti Università reġgħet tellgħet il-*Freshers' Week* fuq il-Kampus tal-Università ta' Malta. L-Għaqda ħadet sehem f'din il-ġimgħa ta' attivitajiet organizzata mill-KSU flimkien ma' għaqdiet studenteski oħra. Dan għamlitu permezz ta' *stand* nu. 39 fejn dawk li żaruh ingħataw rigali u lill-istudenti tal-ewwel sena ngħatat għajnuna biex jorjentaw ruħhom mal-Kampus.

**POETESSA MALTIJA FOST IR-REBBIEĦA TAL-PREMJU NOSSIDE 2014**

Il-Premju Internazzjonali tal-Poeżija Nosside ilu jinżamm għal dawn l-aħħar tletin sena u matul dan iż-żmien attira poeti minn madwar il-ħames kontinenti kemm minħabba l-premju mhux żgħir li joffri lir-rebbieħ assolut kif ukoll għall-prestiġju li jġorr miegħu. Dan il-premju jinqasam fi tliet dipartimenti: il-poeżija miktuba, il-poeżija vidjow u l-poeżija kanzunetta. Għad li għandu ħames lingwi uffiċjali tiegħu li huma t-Taljan, l-Ingliż, il-Franċiż, il-Portugiż u l-Ispanjol, jinkoraġġixxi kitba bil-lingwa nattiva tal-pajjiż, hi liema hi, sew jekk tkun magħrufa u sew jekk tkun mitkellma minn ftit eluf. Is-sede tiegħu tinsab f'Reggio Calabria u l-President ta' dan il-premju hu l-Prof. Pasquale Amato. S'issa kellna diversi poeti Maltin li ngħataw rikonoxximenti minn dan il-Premju. Fosthom insibu lil Patrick Sammut li fl-2008 kien mar-rebbieħa bil-poeżija *A Day of Rest* u attenda wkoll għall-Premjazzjoni, u poeti oħrajn. Din is-sena għandna lil Therese Pace li l-poeżija tagħha *Angarib* ġiet magħżula biex tingħata l-Midalja tan-Nosside kif ukoll tidher fil-pubblikazzjoni elettronika tal-Premju Nosside. Jalla jkollna iktar parteċipanti u rebbieħa biex il-letteratura Maltija tiġi esportata u lsienna jkompli jiġi rikonoxxut ugwalment daqs ilsna kbar oħra.



**Il-poetessa Therese Pace**

**25 SENA MILL-MEWT TA' LEONARDO SCIASCIA**

Fl-20 ta' Novembru 2014 ħabat il-25 sena mill-mewt tal-kittieb Sqalli Leonardo Sciascia. Huwa twieled f'Racalmuto fl-1921 u kien kittieb, rumanzier, drammaturgu, ġurnalist u politiku. Fost ir-rumanzi tiegħu jibqgħu miftakra *Il giorno della civetta* (1961) u *A ciascuno il suo* (1966). Fihom Sciascia jikkritika bl-aħrax il-mafja u r-rabtiet li għandha kemm mal-klassi tal-poter kif ukoll mal-Knisja.

# l-aħbarijiet

**L-GĦAQDA FILANTROPIKA TALENT MOSTI U "NILTAQGĦU MAL-AWTUR"**

Nhar is-17 ta' Ottubru saret edizzjoni oħra ta' "Niltaqgħu mal-awtur", imtellgħa mill-Għaqda Filantropika Talent Mosti fir-Razzett tal-Markiż Mallia Tabone fil-Mosta. Din id-darba l-mistiedna speċjali kienet Yana Psaila, awtriċi tal-frażarji Malti-Russu u Russu-Malti, u tal-ġabra ta' poeżiji *L-Imħabba tal-Istilla Polari*. L-awtriċi ġiet intervistata minn Patrick Sammut u tkellmet dwar aspetti marbutin mal-ħajja tagħha kemm mil-lat personali kif ukoll mill-perspettiva ta' awtriċi u traduttriċi. Wara l-intervista dawk preżenti staqsew numru ta' mistoqsijiet lill-mistiedna speċjali. Matul is-serata ħareġ il-fatt kemm Yana Psaila għandha għal qalbha kemm lil Malta kif ukoll lill-ilsien Malti. Fl-aħħar kien hemm ukoll bibita fejn dawk preżenti setgħu anki jixtru kopji ffirmati tal-kotba ta' Yana Psaila.



**Yana Psaila intervistata minn Patrick Sammut**

**JITNIEDA KTIEB ĠDID TAL-MIBKI FRANS SAMMUT**

Nhar l-14 ta' Novembru 2014, fis-Sala Sir Temi Zammit f'Dar il-Mediterran fil-Belt Valletta, tnieda l-ktieb ġdid tal-mibki Frans Sammut, *Ġrajjiet it-Tagħlim f'Malta - L-ewwel volum.* Għall-okkażjoni ħadu sehem il-Ministru tal-Edukazzjoni, l-Onor. Evarist Bartolo, il-Professuri Joseph M. Brincat (li kiteb dwar l-Istorja tal-Ilsien Malti u Al-Ħimjari) u Raymond Mangion (Studjuż tal-Istorja ta' Malta, tad-Dritt u tal-Leġislazzjoni), l-E.T. Dr Ugo Mifsud Bonnici, l-Onor. Dr. Alfred Sant M.E.P., u Dr. Charles Xuereb (li kiteb dwar l-impatt kulturali ta' żmien il-Franċiżi). Is-sopran Joan Mangion, akkumpanjata minn Dr Romina Marrow, kantat l-arja "Fdal Qaddis" minn *Filep*, librett ta' Frans Sammut, b'mużika komposta apposta għal din it-tnedija mill-Mro Ray Sciberras. **Il-qarrejja ta' IL-PONT jistgħu jakkwistaw kopja ta' dan il-ktieb għal prezz speċjali (€19.50 minflok €29.50) billi jimlew il-formula li qed tintbagħat flimkien ma' din l-edizzjoni tar-rivista elettronika u jibgħatuha fl-indirizz indikat.**



**Il-membri tal-panel li ħadu sehem waqt it-tnedija tal-ktieb ġdid ta' Frans Sammut.**

**IMFAKKRA T-80 SENA TAN-NOBEL TA' LUIGI PIRANDELLO**

L-awtur ta' rumanzi bħal *Uno, nessuno e centomila* u *Il fu Mattia Pascal*, u ta' drammi bħal *Sei personaggi in cerca d'autore* u *Così è (se vi pare)* kien irċieva l-Premju Nobel għal-Letteratura fit-8 ta' Novembru tal-1934. Kien ilu miktub fil-Partit Faxxista għaxar snin u kellu 67 sena, sentejn qabel ma miet, fl-10 ta' Diċembru 1936. Hu twieled f'Càvusu, pajjiż ċkejken qrib Agrigento fl-1867. Kien diġà sar magħruf fil-bidu tas-seklu 20 anki bis-saħħa tal-kollaborazzjoni tiegħu mal-ġurnal *Il corriere della sera*. Kien il-fundatur tal-"Compagnia del Teatro d'Arte" u kiteb uħud mill-aqwa opri teatrali tas-seklu 20 li ttellgħu fis-snin 20 u 30 fi Broadway, fl-Istati Uniti u f'imkejjen oħrajn. Minkejja li kien membru tal-Partit Faxxista ta' Mussolini, kellu bosta ġlidiet ma' għadd ta' ġerarki tar-reġim. Spiss ikkritika lil kittieb faxxista ieħor maħbub ħafna mir-reġim u meqjus bħala l-poeta uffiċjali tal-partit, Gabriele D'Annunzio.

## AĦBAR SABIĦA MILL-AWSTRALJA

Nifirħu lill-kittieb, poeta u artist Manwel Cassar li għadu kemm iggradwa b'Masters fl-Arti mill-Università tal-Victoria fl-Awstralja. Manwel Cassar twieled fl-1933 l-Imsida. Fl-Awstralja ħadem bħala għalliem, skrivan maċ-Ċivil, editur letterarju ta' ġurnali u rivisti differenti, u intervistatur-korrispondent tar-*Rediffusion*. Fl-1959 waqqaf l-Għaqda tal-Letteratura tal-Maltin fl-Awstralja. Huwa pittur ta' esperjenza u ko-awtur ta' antoloġiji ta' poeżiji bħal *Drieg*ħ *ma' Drieg*ħ (1971), *Mal-Ħmura ta' Filgħodu* (1982), *Frott Ieħor* (1992) u *Riflessi Fiddiena* (2000).



Manwel Cassar fuq il-lemin bid-*degree* f'idu.

## IL-METRO F'MOSKA TIFTAĦ LIBRERIJA VIRTWALI

Is-sistema tal-metro f'Moska qed issaħħaħ il-kredenzjali kulturali tagħha billi fetħet biblijoteka virtwali tal-letteratura klassika Russa. Dan billi issa dawk li jużaw il-ferrovija ta' taħt l-art ikunu jistgħu iniżżlu fl-i*smartphone* jew fit-*tablet* tagħhom iktar minn mitt ktieb tal-letteratura Russa klassika. Fost ix-xogħlijiet disponibbli hemm dawk ta' Pushkin, Chekhov, Tolstoi, Gogol, Turgenev, Bulgakov, Gorky u Dostoyevsky. Dawn se jkunu jistgħu jinqraw minn 2,490 miljun passiġġier li jivvjaġġjaw taħt l-art kull sena. Proġett simili diġà qed jitħaddem fuq 700 vettura tat-trasport pubbliku. Il-ħsieb hu li ma' dawk klassiċi jiżdiedu wkoll awturi moderni u barranin. Il-Moskoviti huma mħeġġin biex jissuġġerixxu iktar kotba li jistgħu jiġu inklużi f'din il-kollezzjoni virtwali. Dan minkejja li bosta għadhom jippreferu jaqraw il-letteratura minn fuq il-ktieb tradizzjonali.

## IMFAKKAR IĊ-ĊENTENARJU MIT-TWELID TA' MARIO LUZI

Fl-okkażjoni tal-mitt sena mit-twelid tal-poeta u kittieb Mario Luzi, li miet fl-2005 ta' 91 sena, f'Ottubru li għadda ġie organizzat konvenju f'Ruma li fih ħadu sehem professuri mill-universitajiet ta' Sapienza f'Ruma u dik Cattolica ta' Milan, imma anki l-president tal-assoċjazzjoni Mendrisio Mario Luzi Poesia del Mondo, u editorjalista tal-ġurnal *Il corriere della sera.* Intwera d-dokumentarju "In Toscana. Un viaggio in versi con Mario Luzi", u ġew imnedija kotba ġodda dwaru u b'xogħlijiet minn tiegħu. Luzi twieled fl-20 ta' Ottubru 1914, f'Castello, qrib Firenze, fl-Italja. Ix-xogħlijiet tiegħu jifirxu mis-sena 1935 sas-sena 2003. Ta' min jgħid li l-1914 rat it-twelid ta' żewġ poeti Taljani kbar oħrajn, Alessandro Parronchi u Piero Bigongiari, li flimkien ma' Luzi baqgħu magħrufin bħala l-"poeti tal-1914".

## ŻEWĠ MALTIN MISTEDNIN GĦAL TNEDIJA TA' ĠABRA POETIKA TA' POETESSA TALJANA

Nhar l-14 ta' Novembru 2014 il-kittieb Patrick Sammut u l-artist Hilary Spiteri telgħu Morbegno, fit-Tramuntana tal-Italja, fejn ħadu sehem fil-Lejla ta' Tnedija tal-ġabra ta' poeżiji tal-poetessa Taljana Paola Mara De Maestri, CON GLI OCCHI DEL CUORE. Għall-okkażjoni Patrick Sammut - li kiteb id-daħla kritika għal dan il-ktieb - qara diskors li ttratta punti komuni bejn il-versi ta' De Maestri u l-poeżija Maltija tas-seklu 20, filwaqt li Hilary Spiteri espona f'wirja mtellgħa apposta d-disinji tiegħu li jinsabu preżenti fil-ġabra poetika ta' De Maestri. Preżenti kien hemm l-Assessur għall-Kultura tal-Comune ta' Cosio, Anna Tonelli, atturi-qarrejja, professuri u anki l-Coro Alpino ta' Berbenno. Din kienet okkażjoni sabiħa fejn iltaqgħu flimkien il-poeżija, l-arti u l-mużika.




Waqt mil-Lejla ta' Tnedija li saret f'Morbegno.

# l-intervista

## Therese Pace

***IR-RE TAL-ĠUNGLA U S-SKIET MISTERJUŻ***
***Id-ditta Faraxa Publishing bi ktieb ġdid għat-tfal.***




**Dan mhux l-ewwel ktieb li inti qed toħroġ dirett għat-tfal. Minn fejn twieled dan l-interess fil-letteratura għat-tfal?**

Bħala omm jiena sensittiva għall-bżonnijiet u l-umuri tat-tfal u bħala kittieba ma jonqosx li nsarraf din is-sensittività f'kitba li minbarra li tagħtihom gost tista' forsi tgħinhom fid-diffikultajiet tal-ħajja.

**Liema stili taħseb li l-aktar jattiraw l-attenzjoni tat-tfal f'rabta mal-letteratura?**

L-stil ħafif u mexxej, li jixgħelilhom l-immaġinazzjoni fertili tagħhom u dak li jirrakkonta storja li jkunu jistgħu jirrelataw magħha naħseb li hu l-iktar li jogħġobhom. Imbagħad jekk il-kitba jkollha ċerta mużikalità u *twist* oriġinali li tappella għalihom, dan ikun bonus.

**Minn fejn u meta bdiet l-idea ta' IR-RE TAL-ĠUNGLA U S-SKIET MISTERJUŻ?**

L-idea kienet ilha tberren f'moħħi s-snin għax spiss kont niltaqa' ma' tfal li jibżgħu minn xi ħaġa u kont nilmaħ f'għajnejhom l-intensità ta' dak li jkunu jħossu. Darba ltqajt ma' tifel li kien jibża' jmur l-iskola għax kien jaħseb li meta ma jkunx id-dar ġejjin jeħdulu lil missieru. Skoprejt li l-iskola kienu qalulhom li min jaqbad pitirross imur il-ħabs. Minħabba li d-dar kellhom pappagall u dat-tifel ma kienx jagħraf pitirross minn pappagall, beża' li 'l missieru kienu se jeħduhulu l-ħabs. Hawn toħroġ ir-responsabbiltà tal-għalliema li filwaqt li jedukaw lit-tfal, dan jagħmluh b'mod mhux esaġerat hekk li jħalli impatt negattiv fuq il-moħħ teneru tat-tfal. Il-biża' hi realtà ta' kollox u kulħadd. Fit-tfal il-biża' mhix biss tal-ewwel snin tal-iskola imma tirriżulta eżistenti sa minn bikri f'ħajjithom u tkun ħasra jekk titħalla bla ma tiġi indirzzata. Xtaqt nuri lit-tfal li bi ftit sforz u bi ftit għajnuna, kwalunkwe biża' tista' tiġi megħluba.

**Ktieb bħal dan ifakkarni fil-kitbiet ta' Esopu, La Fontaine, imma anki George Orwell. Kemm hu minnu dan?**

Għalkemm b'mod u b'qies differenti, il-ħajja tal-bniedem għadha tgħaddi mill-istess fażijiet, issib ruħha fl-istess sitwazzjonijiet u tfittex soluzzjonijiet. Għalhekk, hu naturali li f'din l-istorja jkun hemm l-element komuni ma' tagħhom fejn it-tfal jingħataw iċ-ċans li jassorbu l-freskezza tal-istorja, il-kittieba, li jaraw il-mod kif l-awtur jittrażmetti dak li ried jgħid u l-kbar, li jirriflettu dwar is-siwi tal-messaġġ li tgħaddi l-istorja. Forsi bla ma naf, kitbiethom ħalliet fuqi dik l-influwenza pożittiva li sibt ruħi nixtieq nittrażmetti lill-qarrejja tallum.

**Kemm taħseb hu importanti li ktieb għat-tfal ikun akkumpanjat ukoll minn stampi li jattiraw l-għajn?**

Aħna ngħidu l-ewwel ma tiekol l-għajn, mela d-dehra trid tkun sabiħa u bejjiegħa. Irid ikollu qoxra li tiġbed l-għajn, li tagħtik indikazzjoni ta' x'fih minn ġewwa. It-tfal iħobbu jaraw stampi kbar u sbieħ, b'kuluri vivaċi ta' dak li jħobbu huma. U t-tfal iħobbu ħafna l-annimali u l-insetti. Kien għalhekk li jien użajt il-ġungla u l-annimali ta' lewn vivaċi bħala għodda u ambjent tal-istorja.

**Proġetti oħrajn għall-ġejjieni?**

Bħalissa qed inħejji ġabra ta' poeżija bl-Ingliż għall-kbar. Tinsab fi stadju avvanzat. Wara ma nafx. L-idea tħajjarni, l-impuls jixprunani.

## EPISTOLI FID-DEŻERT

*Id-ditta Horizons b'antoloġija ġdida ta' Mario Azzopardi*



Għall-Festival tal-Ktieb ta' din is-sena, id-ditta *Horizons* ippubblikat antoloġija ġdida ta' Mario Azzopardi, *Epistoli mid-Deżert*, li ssegwi lill-poeta, dejjem provokattiv minkejja l-età tiegħu ta' sebgħin sena, iterraq f'mogħdijiet skabrużi anki ta' taqlib interjuri. Minkejja tiftix kważi ossessjonat, Azzopardi għadu ma sabx ekwilibriju u sens ta' appartenenza.
*Epistoli mid-Deżert*, imqassam f'diversi sezzjonijiet, minn soċjo-politiċi sa misterjużi u "mistiċi", hu interessanti wkoll għall-konsistenza tal-awtur fejn jidħol l-element tekniku. L-għodod ta' Azzopardi issa jkomplu jespandu l-limiti tal-istil, b'dinamika li tgħaqqad flimkien elementi teatrali ma' oħrajn ta' luċidità viżiva qawwija u immaġinazzjoni surreali.
Dan hu volum ieħor li jisfida l-fruntieri imposti minn kunċetti u forom letterarji "komdi". Hu wkoll volum li jkompli jimmarka safejn tista' titwassal il-letteratura Maltija fis-seklu XXI. Azzopardi jerġa' joħloq gallerija ta' veritajiet oġġettivi, daqqa vjolenti u daqqiet oħra irreverenti, li dejjem huma ffukati fuq direzzjonijiet alternattivi. Ir-riżultat joffri kanvas rari mqiegħed f'kuntest globali għal żmienna.

**Mario Azzopardi jwieġeb:**

**Minkejja li bqajt attiv fil-qasam tal-ġurnaliżmu u anki fil-kitba tan-narrattiva, ma abbandunajtx in-namra tiegħek għall-kitba tal-poeżija. Xi tgħid dwar dan?**

Il-poeżija hi l-espressjoni konċiża tal-ħsieb riflessiv u l-kreattività. Jien nirrispondi b'ċerti impulsi għal dak li jolqotni u dawn l-impulsi rrid nesprimihom b'dinamika partikolari, bħallikieku leħħ.

**Għaliex l-għażla tat-titlu EPISTOLI MID-DEŻERT?**

Id-Deżert hu metafora għal ruħ bil-għatx. L-awtur dejjem għandu l-għatx tal-ġustizzja u l-verità u mill-kavitajiet tal-eżistenza tiegħu jipprova jibgħat il-messaġġi (epistoli) tiegħu.

**X'differenza hemm bejn poeżiji u poesaġġi?**

Mhux wisq. Id-differenza tinsab fil-forma, iżda fl-essenza, għandhom l-istess oġġettiv: li jipprovokaw u jqanqlu reazzjoni.

**Hemm rabta jew fil komuni bejn din il-ġabra poetika mal-aktar żewġ kotba reċenti tiegħek VERĠNI SAGRI, DEMONJI U BOLOH GĦAL ALLA (2013) u KITARRI, TOMBLI U TEATRIN (2014). X'tista' tkun eżattament?**

Dwar *Verġni Sagri* (Horizons), żgur. Għal dak il-ktieb kelli nirriċerka ħafna dwar il-kitbiet ta' erwieħ mistiċi. Iż-żjara tiegħi ta' sitt xhur fl-Awstralja (Lulju-Novembru 2013) nebbħitni biex nirriċerka l-ġrajja tal-Aboriġini, ir-razza oriġinali / etnika li sfat umiljata mill-kolonjaturi Ingliżi.

**Il-poeżija tiegħek dehret għall-ewwel darba fis-snin sittin. Għalik il-kitba tal-poeżija llum fl-2014 tinvolvi proċessi differenti minn meta bdejt għall-ewel darba tesperimenta b'dan il-ġeneru? Liema eżattament?**

Iva. Il-kitba tevolvi. Imma dejjem nittama li għadha tagħmel impatt biex ma tħallix il-qarrejja passivi.




**Il-poeta bħala ħolqien li jbati għax il-ħin kollu maħkum mill-ħsieb kritiku-riflessiv jew il-poeta bħala dak li ma joqgħodx għal kollox, jagħdab u jsemma leħnu b'kull mod possibbli. Liema wieħed minn dawn inti llum?**

It-tnejn flimkien: il-poeta kritiku-riflessiv għandu kuxjenza li kapaċi twallsu għar-ribelljoni u għall-konfront fejn tidħol l-inġustizzja soċjali u l-abbuż tal-poter, ġej mil-liema naħa ġej; politiku, reliġjuż u kulturali. Il-problema hi li f'Malta l-awturi u l-artisti jagħżlu ż-żona tal-konfort u jagħlqu ħalqhom.

**X'hemm ippjanat wara EPISTOLI MID-DEŻERT?**

Qed inħejji studju dwar il-possibilitajiet "teatriċi" li joħorġu mill-bijografija ta' Tereza t'Avila li fl-2015 jaħbat il-500 anniversarju mit-twelid tagħha. Dan hu proġett li talbuni naħdem fuqu dawk li jmexxu l-Istitut tal-Istudji Karmelitani tal-Imdina.

**TAGĦBIJA MISTOQSIJIET**

*Your conscience is the measure of the honesty of your selfishness. Listen to it carefully.*
RICHARD BACH

U jien, pellegrin ħafi
b'tagħbija mistoqsijiet fuq spallejja
w abbissi jiffondaw ġo fija.
Miexi
b'volum oħxon mittiekel taħt abti
volum li ma nifhimx.
Dan il-Ktieb tal-Patt ta' sorsi qaddisa,
'mħaffrin fil-granit
li darba ħolquli l-mappa tal-illużjonijiet
u wkoll
ta' profeziji 'mpossibbli.

Viżjonarju jien b'ħolm diffuż.
Niddikkjara l-mewt t'Alla f'manikomju privat.

U sibt li tħabbilt
fil-lingwaġġ tal-fidi
meta l-ilsien divin hu s-skiet imbiegħed,
idur mal-pjaneti remoti.

Sibt li l-proġett divin
hu mimli bil-ħaġa moħġaġa
dwar id-destin etern tal-bniedem.
Titħassrunix.

Għax il-kommiżerazzjoni
hi biss virtù tad-dekadenza,
it-telfa tal-loġika u r-raġuni
taħt il-pressjoni
ta' nani grotteski u malizzjużi.

Arawni minflok
bħala strofa żlugata
fid-disinn tal-ħolqien
waħedha u reżistenti
ssalpa fil-vojt dagħmi.

**(Minn EPISTOLI MID-DEŻERT, pp. 108-109)**

**Minn email ta’ Nazzarenu Zerafa (L-Awstralja) tad-9 ta’ Settembru 2014**

Għażiż Patrick,

Grazzi ħafna ta' din l-edizzjoni ta' IL-PONT.

Bħas-soltu, sibt l-Editorjal tiegħek dwar il-kittieba, il-ktieb u l-qari interessanti ħafna u naqbel perfettament ma’ kulma għedt. Hawnhekk l-Awstralja, qabel il-qalba tal-millenju kienu nkitbu ħafna artikli argumentattivi u diskutibbli dwar jekk “il-ktieb” kienx se jsalva mal-qalba tal-millenju u kienet qamet il-mistoqsija, “jekk il-ktieb kienx qed imut mewta naturali”. Dan minħabba fil-progress kbir u mgħaġġel li kien qed jinħass fit-teknoloġija elettronika u li llum qiegħed bil-mod il-mod jeqred il-gazzetti u l-ġurnali.

Ġara iżda li mbagħad kien sploda l-fenomenu ta' *Harry Potter* u kemm żgħar kif ukoll kbar kienu ġġennu għalih u bħal donnu “il-ktieb” kien reġa' ħa spinta kbira 'l quddiem u l-interess fil-“ktieb” u fil-qari kien reġa' bħal irxoxta. Allura issa, hawnhekk, barra l-ġenerazzjoni tal-qarrejja anzjani, hawn ġenerazzjoni ġdida u żagħżugħa ta' qarrejja oħra. Barra minn hekk, hawn ukoll l-użanza sabiħa li n-nanniet u l-ommijiet jaqraw lit-tfal ċkejknin tagħhom, speċjalment qabel ma jorqdu u b'hekk minn ċkunithom it-tfal jinġibdu għall-“qari” u titnissel fihom dik l-imħabba speċjali għalih. Il-ġenituri u n-nanniet għandhom huma wkoll rwol importantissimu x'jaqdu f'dan il-kuntest u ċerta mentalità “bil-qari ta' xi rumanz jew versi sempliċi” li semmejt int, taf tibda tinbidel bil-mod il-mod.

Mill-progress u l-avvanzi kollha li qatt għamel u li għadu jagħmel il-bniedem kemm fl-arti, kemm fix-xjenza, kemm fit-teknoloġija u kemm f'kull mitt elf ħaġa oħra, l-aħħar parametru li jimxi u l-aktar li jkaxkar b'pass ta' bebbuxu hi l-mentalità. Dana japplika mhux għal Malta biss iżda għall-pajjiżi kolha tad-dinja. Ħa ntik żewġ eżempji. L-Amerika, li hi suppost l-iktar pajjiż żviluppat fid-dinja, għad hemm postijiet fejn il-mentalità versu s-suwed għadha ta' ħamsin jew mitt sena ilu. Hawnhekk, l-Awstralja, kemm sar żvilupp f'dawn l-aħħar mitejn sena, ċerta mentalità ta' ċerta nies lejn l-Aboriġini għadha bħal meta Captain Arthur Phillip rifes għall-ewwel darba fuq din l-art. Għalhekk, sewwa għedt int li “ħadd ma telaq jiġri qabel ma tgħallem jimxi”. L-edukazzjoni tal-imħuħ għandha tkun l-ogħla prijorità ta' kull kittieb, għalliem u ħassieb u hija l-ikbar responsabbiltà ta' kull istituzzjoni edukattiva u gvern f'kwalunkwe pajjiż.

Tislijiet sinċiera u mill-qalb, ħabib,
Nazzarenu

**Minn email ta’ Adrian Grima tal-1 ta’ Novembru 2014**

Għażiż Patrick,

Grazzi mill-ġdid ta' *Il-Pont*. Bħal dejjem qrajt din ir-rivista b'interess.

Patrick, fil-kitba tiegħek tikkritika l-għażla li premju tal-ktieb jingħata minn ġurija ta' esperti tal-kotba u tipproponi alternattiva b'element "popolari."

Iżda meta tirreferi għal tliet premjijiet oħrajn ma tagħmilx l-istess osservazzjoni: il-Premju tal-Letteratura tal-UE, li f'Malta jingħata mill-Akkademja tal-Malti; il-Premju Nobel; u l-Premju Campiello.

L-ewwel tnejn jintgħażlu minn ġurija magħżula, fosthom, fl-ewwel każ, inti.

Il-Premju Campiello, min-naħa l-oħra, għandu proċess ftit differenti, li madankollu dejjem għandu s-sehem determinanti ta' ġurija ta' esperti fil-qasam tal-letteratura.

Ma nafx awturi (fosthom jien) li ma jħossux li l-Premju tal-Ktieb kien xħiħ jew saħansitra inġust magħhom. Jien qatt ma kont membru tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u qatt ma kont membru tal-ġurija ta' xi taqsima jew oħra tal-Premju tal-Ktieb. Ftit li xejn nista' ngħid li kont wieħed minn dawk "is-soltu ismijiet," li talludi għalihom fl-editorjal tiegħek, "li drajniehom jirbħu minn sena għal oħra." Iżda nifhem li ebda ġurija, u ebda deċiżjoni ma tista' tissodisfa lil kulħadd, jew lil xi ħadd dejjem. Din hija n-natura stess ta' Premju li xogħlu hu li jagħżel ktieb minn ieħor, li jippremja ċerti kwalitajiet jew ħiliet fuq oħrajn. F'dan is-sens, min-natura tiegħu stess, Premju iktar iqanqal diżappunti fost il-kittieba milli sodisfazzjon, għax jippremja wieħed minn ħafna.

Grazzi mill-ġdid tas-servizz regolari tiegħek permezz ta' *Il-Pont*.

Saħħiet
Adrian

# in-novella tal-Milied

Mario Attard



## Ir-Raqda li ttrasformatu

Marozz kien jinsab ifettet biskuttell ġo bott te ħin minnhom tard wara nofsinhar. Kultant mill-maqjel kienu jinstemgħu xi wħud mill-annimali li kien irabbi. Marozz ħalla għal waqt it-te fuq il-mejda u mar jagħti titwila ġewwa l-maqjel. Daħal jittawwal jittawwal fil-magħlef u sab li l-għalf kien naqsilhom xi ftit. Għalhekk għalifhom aktar. Biex ikun ċert li ma jonqoshom xejn, ta ħarsa lejn l-ilma.

Lura mal-mejda kompla jfettet u jixrob it-te. Il-ħarsa li ta ġewwa l-maqjel donnha mlietlu moħħu bil-ħsebijiet. Kien daż-żmien sena li romol. Daż-żmien sena Marozz u Grezz kienu jinsabu flimkien fil-għorfa tagħhom. Kien lejlet il-Milied tard filgħodu li ħabbat il-bieb tar-remissa.

"Grezz, ara x'ġabilna  t-tabib!" Imma Grezz kienet mehdija tagħmel xi faċendi.

"Marozz, dan għalikom. Gawduh fil-jum tal-Milied" qallu t-tabib. "Irrid nirringrazzjakom."

"Ta xiex tabib? Aħna xi pjaċir nistgħu nagħmlulek? Iktar inti tista' tagħmlilna pjaċir milli aħna."

"Marozz bl-għaqda ta' bejnietkom u bil-ħajja sempliċi tagħkom qegħdin tgħallmuni u qegħdin timlewni bix-xewqa għal dik il-ħajja sempliċi li la jiena u lanqas iż-żgħar li telgħin ma jistgħu jgħixu. Ridt nikkomplimentakom b'naqra ta' kejk."

Kien it-tabib li xhur qabel kien ġie joqgħod f'razzett biswit ir-remissa ta' Marozz u Grezz. Fil-ftit xhur li kien ilu joqgħod f'dik il-ħara tar-raħal, rabba isem tajjeb mar-raħal kollu. F'qasir żmien sar maħbub minn kulħadd.

Dakinhar kienet il-lejla tal-erbgħa u għoxrin jum tal-aħħar xahar. Grezz kienet qiegħda traqqa' xi ħwejjeġ u Marozz kien qiegħed mehdi jistiva l-ixkejjer tal-għalf li kien għadu kemm daħħal ġewwa l-maqjel.

Dik il-lejla kienet waħda speċjali mhux biss għax tfakkar twelid il-Bambin imma għax fil-maqjel ta' Marozz u Grezz in-nagħġa welldet ħaruf u l-ħaruf ġab miegħu ferħ kbir f'dik id-dar. Marozz u Grezz ferħu għax lill-Bambin ġewwa l-għar ir-rgħajja marru jagħtuh qima bl-imrieħel tagħhom li ngħaqdu mal-baqra u l-ħmara biex l-istorja tal-Kristjaneżmu baqgħet iżżommhom bl-iktar annimali xxurtjati.

Il-leħen ripetut ta' nagħġa minn ġewwa l-maqjel ġiegħel lil Marozz jistenbaħ. Kien qisu ilu bosta mitluf f'nagħsa fonda, twila u ħelwa. Fuq il-mejda kien għad hemm il-bott bit-te u maġenbu nofs biskuttell. Leħen in-nagħġa fakkru fil-ħaruf, il-ħaruf fakkru fi Grezz u t-tifkira ta' Grezz fakkritu li bħal-lum sena eżatt beda jgħix il-ħajja tar-romol. Kemm għadu jħossu n-nuqqas tagħha!

Il-fatt li ilu mifrud minn Grezz ta' qalbu għal tnax-il xahar, nikktu bil-kbir lil Marozz. Għajnejh imtlew bid-dmugħ u qalbu mtliet bix-xewqa għal martu. F'dik il-lejla ma kellux kejk x'jaqsam bħas-sena ta' qabel u anqas ma kellu lil Marozz biex tal-anqas jaqsam ħsibijietu magħha... u l-vojt ta' qalbu u x-xewqa għal martu imlewh bid-diqa u din id-diqa għejjietu tant li Marozz raqad fuq il-pultruna tal-qasab u dik il-pultruna tal-qasab dari kienet taf lil Grezz u Marozz ir-raqda li raqad ittrasformatu u rajtu jitbissem it-tbissima tant naturali li l-ebda pittur ma kien kapaċi jpittirha u wisq anqas jikkupjaha!

**(Mill-Manuskritt *Stejjer tal-Bieraħ* ta' Mario Attard)**

# Lino Spiteri (1938-2014)



Lino Spiteri twieled Ħal Qormi fil-21 ta' Settembru 1938. Studja fil-Liċeo ta' Malta, u ggradwa fil-Politika u l-Ekonomija mill-Università ta' Oxford. Kien editur tal-*Malta News* (1967-68) u l-korrispondent lokali għal *The Guardian* u *The Observer*. Beda jikteb in-novelli minn bikri, bl-ewwel waħda tiegħu – *Raġel Kburi* – ambjentata f'Wied il-Kbir, barra Ħal Qormi. Kiteb aktar minn mitt novella, bosta minnhom jittrattaw it-tema politiko-soċjali bla ma qatt xaqleb lejn xi partit partikolari.

Ippubblika tmien ġabriet ta' novelli bejn l-1968 u l-2005; l-ewwel waħda kienet *Tad-Demm u l-Laħam u stejjer oħra*. Ippubblika wkoll *Ħala taż-Żgħożija u stejjer oħra* (1970), *Anatomija* (1978) u *Iż-Żewġt Iħbieb u stejjer oħra* (1979). Spiteri jammetti li l-iżjed ġabra għal qalbu hi *Stejjer għal Valentina*, fejn huwa jiċċelebra l-ferħ tiegħu li hu nannu billi jkellem lin-neputijiet tiegħu bi stejjer dwar il-ħajja. Pubblikazzjonijiet oħrajn huma *Il-Ħalliel u stejjer oħra* (1981), *Mal-Ħmura tas-Silla u stejjer oħra* (1993) u *Meta Jdellel il-Qamar* (2005). Apparti dawn Spiteri ħareġ ukoll tliet ġabriet ta' poeżija: *Stqarrija* (1978), *Jien Nimxi Waħdi* (1987) u *Għaliex ix-Xewk* (1998). Kiteb ukoll ir-rumanz soċjo-politiku, *Rivoluzzjoni, do Minore*, fejn jittratta l-kwistjoni politiko-reliġjuża tas-snin sittin.

Lino Spiteri nħatar membru parlamentari ta' 23 sena, u dam mill-1962 sal-1966. Wara li mar jistudja barra, huwa mexxa l-Bank Ċentrali, reġa' tela' fil-Parlament fl-1981 u baqa' membru sa ma rtira mill-politika fl-1998. Tul il-21 sena li għamel fil-Parlament f'isem il-Partit Laburista kien ministru darbtejn, u serva b'kollox għal sitt snin. Bħala espert fil-qasam ekonomiku kien direttur fuq għadd ta' bordijiet.

Lino Spiteri kien kontributur fil-ġurnali b'kolonni regolari f'*The Times* u *The Sunday Times*, kif ukoll f'*Il-Ħelsien* (1962-66) u f'*It-Torċa* u *L-Orizzont*. Ħafna minn dawn l-artikli miktubin bejn l-1981 u l-1986 inġabru fil-volum *Għalik. Jien u Għaddej fil-Politika – Ġabra ta' Memorji* u *L-Onorevoli* dehru fl-2007.
Lino Spiteri miet fl-14 ta' Novembru 2014.

Interessanti huwa l-fatt li fuq is-sit elettroniku tal-Campus FM (103.7) wieħed jista' jisma' s-sensiela bl-isem ta' "Bejn Utopja u Distopja". Din hija vjagg letterarju madwar in-novelli ta' Lino Spiteri bħala awtur, politiku u gurnalist. Hija sensiela li tirrifletti kemm l-evoluzzjoni tal-kittieb, kif wkoll it-trasformazzjoni soċjo-politika u kulturali tal-poplu Malti fuq medda ta' 'l fuq minn ħamsin sena. Mid-deskrizzjonijiet analitiċi tiegħu nibtu l-istejjer ta' din is-seniela. Il-produzzjoni u l-prezentazzjoni huma ta' Anton Farrugia. Ara l-ħolqa:
http://campusfm.um.edu.mt/pages/webcastspages/Winter_14/utopja.htm

**DIQA**

Inħossni, hekk,
qalbi se' tinqasam,
irrid inxerred dmugħ mielaħ u sħun,
u fuq l-istonku tiegħi, hekk,
għandi bħal balla,
u fi griżmejja għoqla.
Għaliex ma nafx.

**META GĦAJNEJJA MA JITPAXXEWX IŻJED**

Meta għajnejja ma jitpaxxewx iżjed
bil-ħawħa zokk iżżanżan ir-rubini
żmien ir-Rebbiegħa,
bil-wiċċ jimtela ħmura tal-ħamrija
mal-ewwel xita,
bl-isħab iraxxax fidda fuq il-baħar
meta ntir fuqu,
bil-maħbubin id f'id mixjin quddiemi
jisirqu bewsa,
bid-dehra ta' uliedi jħarbtu d-dinja
mingħajr ħsieb wieħed,
meta mqar waqt ma jitpaxxewx għajnejja
misruq b'dal-ħwejjeġ,
minkejja ġismi ħaj, ruħi tkun mietet.

**(Mill-ġabra ta' poeżiji *STQARRIJA*, 1978).**

# il-poeżiji

### *ANGARIB*

For some time she's left alone
to wallow in her childhood,
naive, pristine, her baggage safe in slumber

happily she wanders the Equator,
ransacks the sahel, colours the savannah,
cradling shafts of heaven she will consign to man

if she is 'lucky',
she will grow up whole, intact,
lives to be rejected like pork is by Rastafarians

if she isn't, she is 'bathed' on an *angarib*,
after which she feels dirtier,
caught as she is in the finagle of cult

there's not a hint of mercy in the scissors
nor tenderness in thread,
rough attempts at closure numb her senses

feminine horrors haunt her, a demon
hides forever in her groin. It never sleeps,
torments her with scars and ugly lesions

over and over, she is served the same nemesis:
razor, scrape, push, rip. Man prides himself;
she is humbled, her gripe concealing inside

a silent scream. Puts up with fate like a
mummified queen. Passes off, down, as honour,
a violation no ransom can redeem.

**THERESE PACE**
**(Poeżija rebbieħa tal-Midalja Nosside 2014)**

### FIL-BITĦA ĊKEJKNA TIEGĦI

Fil-bitħa ċkejkna tiegħi
nittawwal kull għaxija
u nifraħ u nitgħaxxaq
bil-fjuri fil-qasrija.

Fil-bitħa ċkejkna tiegħi
qegħidtha hekk kif xtrajtha
u bħal ċkejkna tarbija
jum b'jum jien indukrajtha.

Fil-bitħa ċkejkna tiegħi
nitpaxxa bi sbuħitha
u l-kobor tal-Kbir Alla
jien nilmaħ fi ċkunitha.

**ĊETTINA SALIBA**

### DIN L-IMĦABBA TA' BEJNIETNA

Bħat-tinwir, din l-imħabba ta' bejnietna,
mal-ħajt ta' dar qadima, nkella marka
li wrajha tħalli l-gomma meta tħassar
jew l-għerq li baqa' fl-art għax mhux bil-barka.

Hemmhekk tibqa', fil-ħamba ta' kull kelma
li ma tingħadx, inkella maltempata
ta' dak li qed nistenna u qatt ma jiġi,
jew fit-tnehid sfaċċat fid-dlam, stampata.

Bħas sħab mikdud quddiem il-qamar kwinta,
il-ħemda li fil-baħħ għad trid titfassal,
għajnejja jimxu l-passi ta' sbuħitek
li saret dell sfumat li lili jwassal

sal-infinit. Hemmhekk, fejn għad nistenna
li ġuf il-baħħ jiblagħni biex nithenna.

**ALFRED GRECH**

### SĦAB SILWETTAT FUQ SEMA QED TITFI

Sħab silwettat fuq sema qed titfi,
rajt jiena hekk kif ħriġt filgħaxija.
Ix-xemx niżlet u bdiet taqa' d-dalma,
waqt li mxejt qalb ir-raba' Maltija.

L-għasafar reġgħu lura fil-bejta,
jien ukoll kont se ninġabar f'dari,
iżda jien wieħed minn dawk is-sħabiet;
silwettati jaraw ta' madwari.

Is-silwetta tas-sema jiena rajt,
hekk kif dalam u ntefa d-dawl kollu,
ix-xemx niżlet u ntesiet għal kollox,
diffiċli biex moħħ mit-thewdin tħollu.

**SEAN GABRIEL AZZOPARDI**

# il-poeżiji

**ĦAJKU**

Ġo dinja infern,
min jgħix u jmut diżilluż
daqs il-poeta?

**CARMEL ATTARD**
**(Minn *...MAQFUL FIL-ĦABS TA' ĠBINI...* ta' Paul P. Borg)**

**EPIGRAMMI**
**Is-Sakranazz**

Ħabbat bi żball u 'l-mara li fetħitlu
ħasibha martu u tgħannaq magħha u biesha.
Qala' xebgħa mingħandha w oħra f'daru
mingħand il-mara u niesha.

**Mary Rose**

Sew jekk id-dar ikun jew barra minnha
'il żewġha qatt ma tieqaf taħseb fih
biex tara x'ser tivvinta ħalli jkollha
xi skuża biex b'ilsienha toffendih.

**Missier Eżemplari**

Wara li 'l bintu ta' sittax kien ilu
sentejn flimkien ma' ħbiebu jbagħbas fiha
tella' żagħżugħ il-qorti għax tbissmilha
u xlieh fuq hekk li ried jikkorrompiha.

**JOSEPH C. SCIBERRAS**

**L-ABBISS**

Mitluqa f'sodditha
tistenna xi nagħsa li tiġi u traqqadha

b'daharha merfugħ fuq l-imħaded
biex rasha jżommulha, tqila u mimlija

b'riġlejha l-leminija nofsha mtellgħa
bil-pala taħt il-pexxun tax-xellugija

waqt li hu ħdejha; jogħnos,
mixħut fuq ġenbu, wiċċu lejha.

U ħasset ma' jdejha
il-pil ta' jdejh, fin fin jiżżeffen
mar-riħ tal-fann, li jtaffi s-sħana sajfija.

Kienet daqshekk qribu,
fl-istess ħin
l-abbiss ta' bejniethom,
bla ħoss, kien qed jifridhom.

**CARMEN REFALO**

**THAT GROVE**

That Grove, that grove we found jointly
That grove, that grove our secrets were concealed
That grove, that grove permeated with our love
That grove, that grove the vulgar seldom go to
That grove, that grove leaves our memories forever

Those china firs, those china firs stand silently
Those sunlight, those sunlight pass through the leaves
Those birds' songs, those birds' songs dropping down treetop
Those grasses, those grasses so ceaseless and soft
Those fallen leaves, those fallen leaves withered and brown
Those breeze, those breeze mild and gentle

Those laughter, those laughter no worry at all
Those singings, those singings rise and fall with pleasure
Those whispers, those whispers come from the hearts
Those calm sittings, those calm sittings deep and long
Those walking, those walking leisurely and carefree
Those shouting, those shouting for no reasons whatsoever

That grove, that grove we found jointly
That grove, that grove our secrets were concealed
That grove, that grove permeated with our love
That grove, that grove the vulgar seldom go to
That grove, that grove leaves our memories forever

**HSU CHICHENG**
***Iċ-Ċina***

# minn fuq l-ixkaffa




***IL-BAĦRI* ta' Charles Casha, KKM, 2014.**

Dan ta' Charles Casha huwa rumanz għat-tfal, imżejjen b'disinji ta' Abi Daker. Żaren ġie lura Malta wara snin twal ibaħħar fuq il-vapuri merkantili. L-aħħar snin ta' ħajtu xtaq jgħaddihom fir-raħal fejn twieled u trabba. Ta' kuljum kien jaqsam it-triq mid-dar fejn kien jgħix m'oħtu Lora u jmur joqgħod fuq il-bank iħares lejn id-dgħajjes deħlin u ħerġin. Imma darba waħda Żaren irrakkonta l-istorja u l-leġġenda dwar iċ-ċurkett tas-seba' sireni lil xi tfal tar-raħal, fosthom Anika u Brian. Għaddew is-snin u Żaren marad u ma baqax joħroġ mid-dar. Jum wieħed oħtu Lora qaltlu li Brian u Anika, issa żgħażagħ, kienu qegħdin joħorġu flimkien. Żaren wera x-xewqa li jkellimhom u qal lil oħtu biex tgħid lil omm Anika. X'ried jgħidilhom Żaren? F'dan ir-rumanz insibu l-avventura, il-fantasija u tagħrif dwar il-ħajja tal-baħħara. L-istorja u l-leġġenda taċ-ċurkett għandhom iżommu lill-qarrej sakemm tasal it-*twist* fl-aħħar parti tal-ktieb.




***GLORJANA* ta' Karmenu Mallia, Dom Communications, 2014.**

L-istorja ta' dan ir-rumanz ġdid ta' Karmenu Mallia teħodna fi gżira bl-isem ta' Maltanova. Jiġi propost fil-parlament li tinbena belt ġdida. Din tingħata l-isem ta' Glorjana. Tinbena wkoll knisja li wara ħafna nuqqas ta' qbil tiġi ddedikata lil San Sebastjan. Issir żjara fi Franza fejn hemm dar tax-xjuħ u l-morda mmexxija mill-Patrijiet Sebasti, li skont it-tradizzjoni bdiehom San Sebastjan. Apparti l-Onor. Pelè, l-Isqof, il-Prim Ministru Dun Franz, Dun Raymond, Majsi ż-Żrinġ u l-Ortodossa Ħala Gedida, niltaqgħu ma' membru straordinarju ieħor li ma jistax jivvota fil-parlament imma xogħlu qiegħed hemm:  il-kelb Baqqu li kien sar wieħed mill-membri attivi. Dan huwa rumanz li jifrex fuq 202 paġna, miktub minn kittieb ta' sengħa u bniedem ta' kultura wiesgħa.




***L-EROJ LI MA KIENX* ta' Joseph Vella, 2014.**

Meta faqqgħet il-Gwerra l-Kbira, fit-28 ta' Lulju 1914, Kustanz Magro kien suldat fl-armata Ingliża li kontra r-regolamenti u b'sogru kbir kien baqa' jżomm djarju. Fuq barra kien hemm frażi ta' Karl Marx: "Men make their own history - but they do not make it as they choose." Dan l-istess djarju jerġa' jara d-dawl fi Frar tal-2011, flimkien ma' għadd ta' ittri li kienu proprjetà ta' Kuntanz. F'dan l-ewwel rumanz ta' Joseph Vella naqraw dwar  il-qagħdiet miżerabbli fuq il-Front matul il-Gwerra l-Kbira, it-tip ta' taqbid u l-mezzi mħaddma, imma anki dwar Malta f'dawk iż-żminijiet. Joħorġu wkoll b'qawwa kbira l-ħsibijiet u s-sentimenti ta' dan is-suldat Malti. Huwa ktieb li jfakkar f'dak li għaddew minnu b'tant tbatija u swied il-qalb bosta Maltin u barranin mitt sena ilu. Ta' min jgħid li bosta huma r-rumanzi ppubblikati li tttattaw it-Tieni Gwerra Dinjija, imma mhux il-Gwerra l-Kbira.

# minn fuq l-ixkaffa




***...MAQFUL FIL-ĦABS TA' ĠBINI... - IL-POETA TAT-TBATIJA CARMEL ATTARD*** **ta' Paul P. Borg, Horizons, 2014.**

Din hi l-ġrajja tal-poeta Carmel Attard li l-Letteratura Maltija għadha ma sabitlux in-niċċa li tixraqlu. Attard għadda ħajja mimlija tbatija mentali minħabba saħħtu, u minħabba stigma soċjali kiefra. Din hi l-ġrajja ta' bniedem-poeżija, ġwejjed u qalbieni, li ried jgħix hieni f'soċjetà li m'aċċettatux dejjem kif kien u fuq kollox ma ħallitux isib l-imħabba bl-għażliet intimi li ried jagħmel. F'din il-bijografija, l-ħabib tiegħu PAUL P. BORG jimxi miegħu sa mit-tfulija fil-bitħa tal-Mużew, u jikxef għall-ewwel darba l-umanità fid-dramm tal-ħajja f'Sant Anton, f'tifel ta' tmien snin, fis-salott id-dar, fit-toroq tal-Qawra u ta' Ħal Balzan, fl-isptar *Monte Carmeli*... PAUL P. BORG b'hekk juri kif sieħbu Carmel Attard, il-poeżija mhux kitibha, imma għexha b'intensità kbira .




***TEMENOS – IL-ĦAĠAR GĦADU ĦABIB*** **ta' Charles Briffa, Horizons 2014.**

Avventura ta' żmien bikri li twassalna nagħrfu lilna nfusna bħala ġens indipendenti li napprezzaw il-ħelsien tagħna. Fl-immaġinazzjoni tiegħu l-awtur jara l-Imnajdra tinbena u jara kif tgħix il-komunità li bniet dan it-tempju bikri. Minn din l-immaġinazzjoni tfaqqas storja mistħajla – kollha avventuri ta' għemil u ta' ħsieb li jagħmlu lill-protagonist u lill-protagonista eroj Maltin. Il-ġrajja hija mżewqa b'ħafna azzjoni: ħidma produttiva ta' komunità għaqlija, ġlied bejn il-protagonist u t-tirann, taqbida ma' monstri, trażżin ta' ambizzjoni żejda, imħabba onesta, hena żagħżugħa, xenqa bla rażan, vjaġġi fid-dinja ta' taħt, invenzjonijiet sempliċi. Kollox juri mentalità bikrija li tinterpreta d-dinja ta' madwarha, imma fuq kollox din l-istorja ta' *Temenos* tagħtina l-valuri tradizzjonali tal-eroj Malti – il-bniedem ħieles bil-ħsieb attiv tiegħu. Il-ġrajja titwassal b'Malti nattiv li jittaqqal bit-tifsir kulturali, għax il-ħsieb tal-awtur huwa li l-Malti Semitiku jaf jitħaddem għal skopijiet letterarji kkomplikati.




***IL-MARA TA' DLIELHA TWIL*** **ta' Ġorġ Peresso, Horizons, 2014.**

Bi stil poetiku u mistiku, realistiku u senswali, kritiku u analtiku, l-awtur iqiegħed quddiemna l-figura ta' Marija Madalena, li ż-żmien, il-leġġendi, l-għajdut, il-preġudizji, u l-ispiritwalità niġġsu u żejnu skont iċ-ċirkustanzi. Imma min kienet Marija ta' Magdala? X'rabta hemm, jekk hemm, ma' nisa oħra bħal Il-Midinba u Marija ta' Betanja? Kienet min kienet sewwa sew, nafu li kienet mara li ħafna ħabbet u ħafna kienet maħbuba. U fiha tiġbor kwalitajiet mill-isbaħ li Kristu sawwab fuq nisa li kienu qrib tiegħu. Nafu li Marija ta' Magdala, kienet min kienet, sfidat l-arroganza u l-għajb u qagħdet ma' Marija Omm Ġesù ħdejn is-salib. U ewlenija bakkret biex tfewwaħ il-ġisem tal-Imgħallem maħbub. U sabitu diġà mfewwaħ u mdawwal bis-sbuħija tas-Sema. U saret, kontra kull tradizzjoni Lhudija, ix-Xhud ewlenija tal-Qawmien. Marija ta' Magdala sfortunatament hi meqjusa l-aktar bħala protettriċi tal-prostituti. Hi aktar min hekk. Hi l-Mara protettriċi ta' dawk li huma vittmi tal-prostituzzjoni tal-arroganza.